# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

## Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Novembru 2023

**Kawża Nru: 25/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Michela-Angele Cardona (K.I. 378084M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' Michela-Angele Cardona imwielda fit-3 t'Awwissu 1984 il-Pieta, bint Raymond Cardona u Irene Cardona, detentriċi tal-karta tal-identità numru 378084M, u residenti 220, Fl 4, Triq il-Kuncizzjoni, Msida.

***akkużata talli nhar l-4 ta' Mejju 2021 u fil-gimghat u xhur preċedenti ġewwa dawn il-Gzejjer Maltin:***

*B'diversi atti, ukoll jekk fi zmijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (u ghalhekk jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat) (Art 18.Kap 9):*

1. *Bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond Palmyra Court, Flat 2, Triq San Frangisk, Il-Kappara, bi ksur tal-ligijiet u regolamenti applikabbli, inti nqast li tirreġistra l-kirja tal-imsemmi fond lil Luca Giuseppe Di Maio mal-Awtorita' tad-Djar. Art. 22(1) Kap. 604, Art 3,4, 4(2), Ch. 604*

*Ghaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba sabiex bir-rispett tordna lill-hati, ai termini tal-Artikolu 22(1) Kap. 104, sabiex ihallas il-penali skont il-ligi, ghar-ragunijiet hawn fuq speċifikati u cioe multa ta'mhux inqas minn elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u mhux aktar minn ghaxart elef Ewro (€10,000).*

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2022[1].

Rat ix-xhieda ta' Chris Casha[2], rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar u d-dokumenti minnu eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu 2023[3].

Rat l-assenjazzjoni datata 17 ta' Mejju 2023 maħruġa ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[4].

---

[1] Verbal relattiv jinsab a fol 15 *et seq* tal-proċess.
[2] Xhieda relattiva tibda a fol 16 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 19 tal-proċess.
[4] A fol 19 A *et seq* tal-proċess.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2023 fejn il-partijiet ġew infurmati li Luca Giuseppe di Maio (l-allegata inkwilin) ma riedx jixhed f'dawn il-proċeduri[5].

Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' Chris Casha[6].

Semgħet it-trattazzjoni finali da parti tal-prosekuzzjoni u tad-difiża[7].

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Illi din il-kawża titratta allegat nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' kirja privata skond kif rikjest mill-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Matla.

Illi f'dawn il-proċeduri, l-unika xhieda kienet dik ta' Chris Casha. Imressaq mill-prosekuzzjoni fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2022, jispjega li huwa jaħdem fi ħdan il-*promotion compliance and enforcement section* fi ħdan l-Awtorità tad-Djar. Jgħid li kien daħal rapport mill-allegat inkwilin li kien oġġezzjoni għal-fatt li ma kienx intradd lura d-depożitu. Huwa nformahom li kien għamel żewġ t'iljieli fil-post u telaq l'hemm . Mis-sistema tagħhom kien irriżulta li din il-kirja ma ġietx reġistrata. Il-kuntratt kien għal perjodu ta' sitt xhur u kien jibda fit-3 ta' Mejju 2021. Ġiet eżebita dokumentazzjoni rilevanti. In kontro-eżami[8] jikkonferma li l-kirja kellha tkun bejn it-3 ta' Mejju 2021 sat-2 ta' Novembru

[5] Verbal relattiv jinsab a fol 38 tal-proċess.
[6] Xhieda relattiva tibda a fol 27 tal-proċess.
[7] Debitament reġistrata u traskritta. Din tibda a fol 34 *et seq* tal-proċess.
[8] Mwettaq fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2023 u jibda a fol 27 tal-proċess.

2021. Jaqbel li l-imputata kellha żmien għaxart ijiem sabiex isseħħ ir-reġistrazzjoni. Jaqbel ukoll li l-kuntratt kellu jkun wieħed *short let.*

Illi kif ġie mfisser fir-rijepilogu hawn fuq magħmul l-allegat inkwilin għażel li ma jixhidx u lanqas ma xehdet l-imputata.

Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-aspett legali ta' din il-kwistjoni, din il-Qorti hija tal-istess opinjoni mal-ġurisprudenza li tgħid li dan ir-reat għandu jitqies bħala wieħed li jidħol fih il-prinċipji mħaddna ta' *strict liability*[9].

Illi mill-ewwel jingħad li dak sejjer issa jiġi deċiż m'għandux ifisser li din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiża fir-rigward tal-fatt li jekk kuntratt huwa null, u allura ma jkunx jista' jiġi reġistrat, ifisser li ma jistax ikun hemm reat skond l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta[10]. Għal raġunijiet li sejrin issa jiġu spjegati, ma hemmx ħtieġa ta' deċiżjoni dwar dan l-aspett għaliex il-mankanzi f'dawn il-proċeduri huma oħra.

Illi ġaladarba l-leġislatur għażel li dan it-tip ta' nuqqas (għal dak li għandu x'jaqsam mal-artikolu 22 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta) għandu jiġi eżaminat fil-qafas tal-kamp kriminali, huma r-regoli tal-istess li għandhom jiġu applikati (għad-differenza per eżempju li kieku dan in-nuqqas kellu jiġi eżaminat fil-kamp tal-liġi amministrattiva). B'hekk hija l-prosekuzzjoni li għandha

[9] Fost diversi, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Sammut *et*,** mogħtija nhar is-27 ta' Marzu 2023. Għal dak li jiswa mbagħad, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha fl-ismijiet **The Police vs Maruizio D'Apice,** deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata)
[10] Il-Qorti tifhem li dan ir-raġunament ġie magħmul fuq is-saħħa tas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Ruth Vella Galea,** (App Nru: 3/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Diċembru 2022. Kull każ għandu l-fattispecie tiegħu, kif jixhed dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Manuela Tabone Micallef,** deċiż minn din il-Qorti (diversament preseduta) nhar il-14 ta' Lulju 2023.

tipprova dak allegat minnha, u dan lill'hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni[11]. Issa f'dan il-każ, kif din il-Qorti diġà kellha opportunita' teżamina f'numru ta' każijiet simili, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha propju għaliex l-allegat inkwilin ma riedx jixhed. Ħafna drabi, bħal f'dan il-każ, l-allegati inkwilini jkunu telqu minn pajjiżna u ma jkunux iridu jkunu parteċipi aktar f'proċeduri bħal dawn.

Illi b'hekk jiġi li din il-Qorti la għandha prova ċerta li l-kopja tal-kuntratt eżebit huwa wieħed awtentiku u wisq anqas, prova ċara li qatt kien hemm inkwilinat. Fin-nuqqas ta' din il-prova, ma seta' qatt jiġi ppruvat li kien hemm l-obbligu tar-reġistrazzjoni ta' xi kirja u b'hekk din il-Qorti ma tistax issib ħtija. B'mod konkludorju mbagħad, ma jista' qatt jintesa li dak kontenut fir-rapport, mingħajr konferma bil-ġurament tal-allegata "vittma", ftit li xejn għandu valur probatorju[12].

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda ssib lill-imputata mhux ħatja u konsegwentement tilliberaha mill-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u minn kull piena.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Magistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[11] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Li Tao,** (App Nru: 28/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar il-15 ta' April 2021.

[12] Fost diversi, Il-Qorti tagħmel referenza għal dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi,** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-24 ta' Ottubru 2011. Issir referenza wkoll għal dak li ġie enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fabio Schembri**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali